20 ta' Awissu, 1953

Imħallef ·
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Il-Qorti *versus* Joseph Bellizzi (*)

**Awtorità tal-Qorti — Disprezz — Mandat ta' Inibizzjoni — Art. 996 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruħu ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti.*

*Xejn ma jiswa li l-motiv li jkun ġiegħlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza miegħu mingħajr ma jiġi meħud in konsiderazzjoni l-punt legali; għax mill-punto di vista ġuridiku dak il-motiv ma hu ta' ebda valur.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-imputat ġie mħarrek ħalli jwieġeb għaliex ma għandux jiġi dikjarat ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk kundannat għal xi waħda mill-pieni kontemplati fl-art. 996 tal-Proċedura Ċivili, jew għal kull piena oħra applikabili għall-każ skond il-liġi, talli l-imsemmi Bellizzi naqas milli jobdi l-ordni tal-Qorti mogħtija fil-mandat ta' l-inibizzjoni fl-ismijiet "Edgar Baldacchino et. vs. Joseph Bellizzi", maħruġ fil-21 ta' Lulju 1953, fil-ġranet 1, 8, 9, 10, 11, 12, 13 ta' Awissu 1953, u 14. 15, 16, u 17 ta' Awissu 1953;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

**Mid**-depożizzjoni ta' l-istess ċitat jidhru ammessi l-infrazzjonijiet dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni. L-imħarrek ġieb il-qud-

(*) **Konfermata fl-Appell (Appell Kummerċjali 12. 10. 1953).**

diem bħala skużanti l-fatt illi huwa, bl-obligazzjoni li assuma, kif ammetta, fl-istipulazzjoni li nsab fil-fol. 4 tal-proċess kummerċjali nru. 355/53 fl-ismijiet "Baldacchino vs. Zahra", ma jistax jaqla' x'jiekol huwa u wliedu; imma, għalkemm umanament dik id-difiża hija ta' min jissimpatizza magħha mingħajr ma jiġi meħud in konsiderazzjoni l-punt legali, mill-punto di vista ġuridiku ma hija ta' ebda valur. Jagħmel forza għas-serjetà ta' l-infrazzjoni l-fatt li l-istess ċitat, għall-ksur ta' l-istess mandat ta' l-inibizzjoni, kien ġie kundannat minn din il-Qorti fis-7 ta' Awissu 1953, u ntant ippersista u baqa' jinfranġi l-ordni tal-Qorti bħalli kieku ma kien xejn. Ma jidherx li l-mandat ta' l-inibizzjoni kien irregolari, u minn dina l-Qorti ġà ġie dikjarat "prima facie" sostenibili. In vista ta' liema fattijiet, l-azzjoni vjolatriċi taċ-ċitat hija ta' natura serja ħafna, u taqa' taħt dak li hemm maħsub fl-artikolu 996 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15 ta' l-Edizzjoni Riveduta;

Illi l-kawża tal-lum hija indipendenti minn kwalunkwe kawża oħra;

Għal dawna l-motivi;

Tiddikjara li l-imsemmi Joseph Bellizzi, meta injora l-mandat ta' inibizzjoni ta' dina l-Qorti tal-21 ta' Lulju 1953 fil-ġranet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni, naqas mir-rispett lejn l-awtorità tal-Qorti; u konsegwentement tikkundannah tmint ijiem detenzjoni

---